# San Ġorġ Preca u d-Devozzjoni Tiegħu lejn Marija Santissima



■ kitba ta' Ivan SCERRI

Nhar il-Hadd, 3 ta' Ġunju 2007 - Solennità tat-Trinità Qaddisa, il-Papa Benedittu XVI, waqt Quddiesa solenni fil-Pjazza tal-Vatikan, għolla għall-ġieħ ta' l-artali (flimkien ma' tlett Beati oħra) lil Dun Ġorġ Preca, il-Fundatur tas-Soċjetà tad-Duttrina Nisranija, *MUSEUM*.




*Il-qoxra tal-ktieb fl-okkażjoni tal-Kanonizzazzjoni ta' San Ġorġ Preca*

Għal din l-okkażjoni madwar 5,000 ruħ minn Malta u Għawdex, marru Ruma biex jassistu għal dan l-avveniment speċjali. Jien ukoll kelli x-xorti li mmur għal din il-Kanonizzazzjoni flimkien mal-ħabib tiegħi, Dun Antoine Borg, il-Viċi tal-Parroċċa tal-Mosta. Minkejja li waqt iċ-ċerimonja x-xita ma waqfet xejn, l-entużjażmu ta' tant pellegrini, fosthom tagħna l-Maltin kien wieħed kbir.

## Saċerdot predestinat

Dun Ġorġ twieled il-Belt Valletta, nhar it-12 ta' Frar 1880, qrib ħafna tas-Santwarju u Bażilika tal-Madonna tal-Karmnu. Missieru kien jismu Vincenzo u ommu Natalina, xebba Ceravolo. Huwa tgħammed fis-17 ta' Frar fil-Knisja Parrokkjali tal-Madonna ta' Porto Salvo, il-Belt. Fl-1888 il-familja Preca marret toqgħod il-Ħamrun u kien hawn fejn irċieva l-Griżma ta' l-Isqof u għamel l-Ewwel Tqarbina.

Darba, meta kellu xi 17- il sena, kien għaddej mill-Mall tal-Floriana u ltaqa' ma' Dun Ercole li għamillu din il-profezija: "Preca, inti għad tikber u nies li jirrispettaw 'l Alla jidħlu fil-familjarità miegħek u inti magħhom. Int għad issib xortik permezz tagħhom u huma għad isibu xortihom permezz tiegħek". Bħala Konfessur tiegħu kellu lil Dun Alwiġ Galea li miet fit-8 t'April 1905. Dun Ġorġ kien jirrakkonta li wara mewtu kien deherlu Dun Alwiġ u qallu: "Lilek Alla għażlek biex tgħallimlu l-poplu tiegħu".

U kien propju bejn l-1905 u l-1906 li Ġorġ Preca ltaqa' ma' grupp ta' żgħażagħ fil-Ħamriun u ħajjarhom jattendu għal xi laqgħat ta' tagħlim. Għażel lil wieħed minnhom, Eugenio Borg, u beda jispjegalu l-Iskrittura. Aktar tard dan Eugenio kellu jilħaq l-ewwel Superjur Ġenerali tal-MUSEUM.

Is-'*Societas Doctrinae Christianae*' (Soċjetà tad-Duttrina Nisranija) taf it-twaqqif tagħha bejn l-aħħar ta' Jannar u t-2 ta' Frar 1907. Iżda d-data uffiċjali hija s-7 ta' Marzu 1907 meta kien ġie mikri f'post ċkejken fi Triq Fra Diegu, il-Ħamrun, fejn beda jlaqqa' ż-żgħażagħ. U Dun Ġorġ fassal akrostiku mill-kliem ***M.U.S.E.U.M***. li hija għal '***Magister utinam sequator Evangelium universus mundus!***' li tfisser 'Mgħallem, li kien id-dinja kollha timxi fuq l-Evanġelju'!

Dun Ġorġ tul ħajtu, dejjem wera mħabba u devozzjoni lejn Marija Santissima. Ma kien jgħejja qatt jitkellem fuqha jew jirrakkomanda d-devozzjoni lejha. Kellu devozzjoni speċjali lejn il-Midalja Mirakoluża u lejn il-labtu tal-Madonna tal-Karmnu, tant li kien Terzjarju Karmelitan.

Minn età żgħira ntefa' taħt il-ħarsien tal-Verġni Marija, u kif se naraw f'din il-kitba, Marija Santissima

dejjem kienet miegħu u ħarsitu minn diversi perikli tul ħajtu kollha.

## Meħlus mill-għarqa

Kienet is-sena 1885, f'jum il-Festa tal-Madonna tal-Karmnu, meta s-seftura tal-familja Preca, ħarġitu flimkien ma' ħuh Amedew u oħtu Karmena għal passiġġata qasira n-naħa tal-Port il-Kbir, lejn il-Baviera, fil-post li jgħidulu 'Taż-Żiemel'.

Dak iż-żmien Ġorġ kellu qrib il-ħames snin u nofs. Ġara li lemaħ biċċa qasba f'wiċċ il-baħar u tħajjar iġibha. Għall-ewwel staqsa lil ħuh biex jara jekk dan iġibhilux, iżda dan qallu biex iġibha hu.

Imma kif xeħet riġlejh fuq wiċċ il-baħar baqa' nieżel, u bil-kemm ma għereqx. Is-seftura ntebħet minnufih u bdiet titlob għall-ajjut. B'xorti tajba wieħed barklor, jismu Mikiel, kien ġej bid-dgħajsa tal-qdif mill-Kalkara. Minnufih dan qabeż il-baħar, qabad it-tfajjel Ġorġ u tellgħu x-xatt. Wara ħaduh id-dwana biex ineħħulu l-ilma li kien bela'. Żgur li l-Madonna, li f'jum il-festa tagħha salvatlu ħajtu permezz ta' Mikiel il-barklor!

Dun Ġorġ kemm-il darba kien jirrakkonta dan il-fatt u kien jgħid: "Jiena, bħal Mosè, ġejt salvat mill-għarqa".



San Ġorġ Preca

Kienu għaddew ħafna snin minn din il-ġrajja, u darba waħda Dun Ġorġ kien għaddej minn quddiem id-Dar tas-Sorijiet *Piccole Suore* fil-Pjazza tal-Ħamrun. Fil-bieb kien hemm waħda soru qed tistenna forsi jgħaddi xi Saċerdot, biex jidħol jassisti lil wieħed xiħ, li kien wasal fl-aħħar.

Billi nzerta li kien għaddej Dun Ġorġ, is-soru għajtitlu u Dun Ġorġ daħal minnufih. Dak il-moribond kien Mikiel il-barklor, li ħafna snin qabel kien salvah mill-għarqa.

Dun Ġorġ feraħ ħafna li ra lil Mikiel wara ħafna snin anke issa fl-aħħar mumenti ta' ħajtu u bi kliem ta' ħlewwa qallu: "Int lili salvajtni mill-għarqa meta jien kont ċkejken u issa, is-Sinjur Alla ried li nassistik f'din is-siegħa mportanti ta' ħajtek".

## Terzjarju Karmelitan

Billi Dun Ġorġ twieled qrib is-Santwarju tal-Madonna tal-Karmnu, żgur li minn età żgħira sema' ħafna dwar id-devozzjoni lejn il-labtu tal-Karmnu u l-Ordni Karmelitan.

F'Lulju ta' l-1918, meta kellu 39 sena, inkiteb bħala Terzjarju Karmelitan u f'Settembru tas-sena ta' wara, għamel il-professjoni tiegħu u tawh l-isem ta' Fra Franco.

Tul ħajtu ħadem ħafna biex ixerred id-devozzjoni lejn il-Madonna tal-Karmnu. Ried li l-membri kollha tal-MUSEUM, kif ukoll it-tfal, jiġu miktuba fil-labtu tal-Karmnu. Hu stess kien jikteb in-nies fil-labtu wara xi taħdita jew xi okkażjoni Mużewmina. Naturalment hu dejjem kien jilbes il-labtu mqaddes.

Tant xerred devozzjoni lejn il-Madonna tal-Karmnu, li l-Provinċjal tal-Karmelitani ta' Malta - Patri Bernard Farrugia - fl-1951 talab lill-Ġeneral ta' l-Ordni - Patri Kiljan Lynch - biex Dun Ġorġ jiġi affiljat ma' l-Ordni tagħhom, bħala apprezzament.

Fil-fatt Dun Ġorġ ġie affiljat ma' l-Ordni Karmnelitana fit-22 ta' Jannar 1952. Bħala devot kbir tal-Madonna tal-Karmnu, Dun Ġorġ ried li fis-16 ta' Lulju, f'kull qasam tal-MUSEUM, jiġi ċċelebrat programm speċjali f'ġieħ il-Verġni Marija, Omm u Ġmiel tal-Karmelu.

## Il-Madonna tal-Bon Kunsill

Sa minn żogħżitu Dun Ġorġ kellu devozzjoni speċjali lejn il-Madonna tal-Bon Kunsill. Kienu l-Patrijiet Agostinjani li xerrdu d-devozzjoni lejn dan it-titlu Marjan madwar id-dinja.

Dun Ġorġ kemm-il darba rrakkonta lis-soċi tiegħu li meta kien għadu Saċerdot żagħżugħ, il-konfessur tiegħu ħeġġu biex ikun devot tal-Madonna tal-Bon Kunsill.

Darba kien għaddej f'Ħal Tarxien u f'ħanut ta' regettier ra nkwadru żgħir tal-Madonna tal-Bon Kunsill u xtrah b'erba' soldi. Dun Ġorġ kull meta kien jgħaddi minn quddiemu, lill-Madonna kien isellmilha bil-kliem "Mater Boni Consilii, ora pro me".

Darba waħda persuna qajjem burraxka kontra tiegħu. Meta daħal id-dar Dun Ġorġ sellem lill-Madonna bħas-soltu. F'daqqa waħda sema' vuċi ħelwa u serena tgħidlu: "*Serva silentium*" (żomm is-silenzju). Dun Ġorġ żamm din ir-regola tul ħajtu kollha.


*Pittura ta' San Ġorġ Preca – xogħol il-pittur Ray Pitrè li tinsab fil-kappella tas-Soċjetà u mħallsa mill-awtur innfisu*

## Saċerdot Marjan

Għalkemm kien impenjat ħafna fis-Soċjetà tal-MUSEUM, Dun Ġorġ sab ħin u kiteb numru kbir ta' kotba ta' spiritwalità u talb mill-isbaħ.

Fost il-kotba tiegħu, insibu wieħed bl-isem ta' 'Lapidarju' li xtaq li jinqara fil-festi ewlenin tal-Madonna b'mod speċjali fil-15 t'Awwissu, f'jum il-festa ta' Santa Marija.

Fost il-kitbiet tiegħu fuq id-devozzjoni lejn il-Madonna, insibu dan il-kliem: "kif l-ikel imħawwar, imma mingħajr melħ, ma jinżilx, hekk hija l-ħajja spiritwali, mingħajr id-devozzjoni lejn Marija Santissima. Mela hu xxurtjat tassew min hu devot ta' Marija. Din hi grazzja li tingħata lil dawk li isimhom hu miktub fis-sema". Fir-regolamenti li kiteb għas-Soċjetà tiegħu, Dun Ġorġ obbliga lis-soċi biex jgħidu ta' kuljum ħames posti tar-Rużarju u ħmistax-il posta fil-festi prinċipali tal-Madonna.

B'tagħlim mill-iżjed sempliċi, kiteb kif il-poplu għandu jirreċta r-Rużarju li kien isejjaħlu "L-Għaxqa l-iżjed kbira u għall-qalb ta' Marija". Biex ikun ta' eżempju, ġieli mar f'xi qasam tal-MUSEUM, u qal ir-Rużarju flimkien mas-soċi tiegħu.

Fl-1923 kiteb l-isbaħ innu f'ġieħ il-Verġni Marija - '***Vestis Honoris***'. F'dan l-innu f'għamla ta' litanija, Dun Ġorġ xtaq li jlibbes b'libsa ta' ġieħ (kif ifisser l-isem) lill-Verġni Marija. Id-devozzjoni lejn il-Madonna kellha post speċjali fil-ħidma saċerdotali ta' Dun Ġorġ. Fil-Verġni Marija kien isib il-ferħ u l-faraġ tiegħu. Kollu ħieni lil Marija kien jgħidilha: "O Verġni Mbierka, inti kbira, u ikbar milli int donnu ma jistax ikun, meta Alla għażlek b'Omm vera u naturali tiegħu".

## Il-Midalja Mirakoluża

Devozzjoni oħra li kellu Dun Ġorġ kienet lejn il-Midalja Mirakoluża. Kienet Santa Katerina Labourè, Soru Franċiża tal-Karità, li wara diversi dehriet mill-Madonna, xerrdet id-devozzjoni lejn din il-Midalja li wara bdiet tissejjaħ 'Mirakoluża'.

Dun Ġorġ kien jemmen ħafna fil-qawwa ta' din il-Midalja. Lil ħafna li marru għandu bi problemi, kien iqegħdhom taħt il-ħarsien tal-Madonna billi kien jagħtihom midalja ħalli jilbsuha.

Kien jixtieq li l-Maltin kollha jkunu miktubin f'din il-Midalja u ta' spiss kien isemmi grazzi kbar li l-Madonna kienet ixxerred fuq id-devoti tagħha permezz tal-Midalja Mirakoluża. Ta' spiss ukoll kien jgħid: "Ilbes domna, u ssib xortik ma' Alla u mal-bnedmin".

Dun Ġorġ feraħ ħafna meta nhar it-23 ta' Frar ta' l-1958, tqiegħdet l-ewwel ġebla tal-Kappella li tagħmel parti mid-Dar Ċentrali tas-Soċjetà tal-MUSEUM fil-Blata l-Bajda. Din il-Kappella ġiet iddedikata lill-Madonna tal-Midalja Mirakoluża, li lejha Dun Ġorġ kellu tant devozzjoni. Però ma kellux ix-xorti li jara din il-Kappella titlesta.

Dun Ġorġ miet nhar il-Ħamis, 26 ta' Lulju 1962 u ġie midfun fil-kripta taħt din il-Kappella li baqgħet sal-ġurnata tal-lum bħala monument ħaj tad-devozzjoni tiegħu lejn il-Midalja Mirakoluża. Huwa ġie beatifikat mill-Papa Ġwanni Pawlu II, f'Malta, fid-9 ta' Mejju 2001, li jaħbat ukoll jum il-festa liturġika tiegħu.

Illum Dun Ġorġ jinsab għall-qima ta' l-artali, biex fuq l-eżempju tal-ħajja qaddisa tiegħu, aħna nimxu 'l quddiem fil-mixja tagħna spiritwali u fid-devozzjoni tagħna lejn il-Verġni Marija, l-Omm t'Alla u s-Sultana tagħna.

*SAN ĠORĠ PRECA, Saċerdot devot kbir ta' Marija Santissima, itlob għalina.*

**Referenzi:**

*Dun Ġorġ Preca - Ħajja, Xhieda u Dokumenti*, tliet volume, xogħol ta' Patri Alexander Bonnici OFM Konv.

*Canonizzazzione - Solennità della Santissima Trinità*, Piazza San Pietro, 3 Giugno 2007.